MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 232/2008

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Paul Cini (ID 511582 M)**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' seba' mija u hamsin ewro u tmienja u tletin centezmi (€750.38) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numru 21234924 u 21234923, (CN 208784/5, AC10050689 u 10050688) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond dokumenti annessi mat-talba, IZT 1, 2, 3 u 4.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tas-17 ta' Settmebru fejn ammetta t-talba izda talab illi l-hlas lis-socjeta' attrici issir ratejalment.

Ra illi s-socjeta' attrici permezz ta' nota ezebita fl-24 ta' Settembru, rriduciet it-talba ghal €715.34.

It-Tribunal jidhirlu illi b'ammissjoni tal-konvenut stess seduta stante, huwa ddikjara li hu debitur lejn is-socjeta' attrici.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif ridotta fl-24 ta' Settembru, 2008, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------